***FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR***
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

***GUDIKATUR: DR EDWINA GRIMA, LL.D.***

***Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju, 2002***

**Numru: 5**

**Avviz Nru: 1347/02 EG**

**Untours Insurance Agency Limited ghall-Qatar Insurance Company, kfi surrogati fid-drittijiet ta' Emanuel Caruana u l-istess Emanuel Caruana**

**vs**

**Guzeppa Gatt**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici nomine u lill-attur Emanuel Caruana s-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm420.43c) rappresentanti danni kkagjonati fil-vettura tal-marka Renault bin-numru ta' registrazzjoni NDC 001 proprjeta' ta' l-attur, assikurata b'polza *comprehensive* mal-Untours Insurance Agency Ltd noe u Ford Fiesta numru tar-registrazzjoni KAJ 582 misjuqa mill-

konvenuta, fl-incident stradali li sehh f'Birzebbugia fit-13 ta' Ottubru 2001, ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward biex tikkontesta t-talba attrici.

Sema' x-xhieda ta' l-P.L. Marie Claire Mifsud ghan-nom tas-socjeta' attrici nomine et li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti, inkluzi il-prospett tad-danni esebit ma' l-avviz u mmarkat bhala Dokument P, minn fejn jirrizulta illi l-ammont ta' mija u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm170.43c) huwa dovut lis-socjeta' attrici nomine, filwaqt illi l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) huwa dovut lill-attur Emanuel Caruana.

Ha wkoll konjizzjoni tar-*road accident report* u l-iskizz tal-habta li sehhet bejn il-vettura tal-marka Renault bin-numru ta' registrazzjoni NDC 001 misjuqa mill-attur Emanuel Caruana u dik tal-marka Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni KAJ 582, esebiti bhala Dokument R1 sa R4 fit-13 ta' Ottubru 2001 gewwa Birzebbugia.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u

wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba. Jiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident stradali li sehh fit-13 ta' Ottubru 2001 gewwa Birzebbugia u dana bejn l-vettura misjuqa mill-attur Emanuel Caruana bin-numru tar-registrazzjoni NDC 001 u dik misjuqa mill-konvenuta bin-numru tar-registrazzjoni KAJ 582, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' mija u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm170.43c), u lill-attur Emanuel Caruana s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi, nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali li saret ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**